MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 834/2008

**Michael Scerri u martu Doris Scerri**

**-vs-**

**Anthony Pisani**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat fit-18 ta' Awissu 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji ta' l-appartament bin-numru tnejn (2), bl-isem ta' 'Hirondelle', Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar, Malta;

2. Illi l-intimat kien jikri l-appartament *'de quo'* mingħand ir-rikorrenti, kif jidher mill-iskrittura privata tas-6 ta' Diċembru 2007 (Dokument A);

3. Illi l-intimat naqas milli jħallas il-kera dovuta minnu fid-9 ta’ Mejju 2008, u fix-xhur sussegwenti, u baqa’ hekk moruż *oltre* l-perjodu ta’ ġimgħatejn (2) konċess lilu mill-klawsola numru ħamsa (5) ta’ l-iskrittura privata tas-6 ta’ Diċembru 2007;

4. Illi r-rikorrenti, in vista tal-ksur ta’ tali obbligi da parti ta’ l-intimat, fit-30 ta’ Ġunju 2008, ppreżentaw ittra uffiċjali bin-numru 2031/08, li ġiet debitament notifikata lill-intimat fil-5 ta’ Lulju 2008 (Dokument B), permezz ta’ liema l-intimat ġie mgħarraf illi għal finijiet u effetti kollha tal-liġi, il-kirja li kien igawdi fuq l-appartament *‘de quo’* kienet ġiet itterminata b’effett immedjat a tenur ta’ l-iskrittura privata tas-6 ta’ Diċembru 2007, u għalhekk ġie interpellat sabiex fi zmien jumejn (2) jiżgombra mill-appartament *‘de quo’* u jirritorna ċ-ċwievet lir-rikorrenti;

5. Illi minkejja l-interpallazzjoni permezz ta’ l-ittra uffiċjali bin-numru 2031/08, l-intimat baqa’ inadempjenti, u baqa’ jokkupa l-fond *‘de quo*’ b’mod abbużiv u illegali u bla ebda titolu validu fil-liġi;

6. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex dina l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta’ l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta), *stante* li l-fehma tar-rikorrenti, l-intimat m’għandux eċċezzjonijiet x’jagħti kontra t-talbiet tar-rikorrenti;

7. Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment mir-rikorrenti;

8. Illi fid-dawl ta’ l-inadempjenza ta’ l-intimat għas-sejħiet tar-rikorrenti, kellha tinfetaħ din il-kawża;

Għaldaqstant, jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, m’għandhiex:

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-artikolu 167*et*

*seq.* tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara illi l-intimat qiegħed jokkupa l-appartament *'de quo'* mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Tordna lill-intimat sabiex fit-terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi, jiżgombra mill-appartament *'de quo'*;

Bl-ispejjeż kollha, inkluż ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 2031/08, kollox kontra l-intimat li huma minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat li l-intimat debitament notifikat ma ppreżentax risposta ġuramentata u għalhekk baqa' kontumaċi skond il-liġi;

Rat l-atti proċesswali;

Rat l-affidavits;

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz tagħha ċedew il-mertu u żammew ferm il-kap ta' l-ispejjeż;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza għal dakinhar stess fuq il-kap ta' l-ispejjeż.

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li l-intimat ivvaka l-fond in kwistjoni fil-mori tal-proċeduri odjerni u għalhekk għandu jħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawża tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż ta' l-istess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------